**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 183/2017 CFF**

**George & Rocco Car Centre Limited**

**Vs**

**Massimo Lovegrove**

**Illum 6 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-socjeta' attrici** fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja inkluz dik li huwa kiser il-ftehim li ghamel mas-socjeta' attrici nhar l-20 ta' Gunju, 2012, ihallas is-somma ta' ghaxart elef disa' mija u tnejn u sittin euro u disgha u disghin centezmu (€10,962.99) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' vettura Toyota Auris li huwa kien ha minghand is-socjeta' attrici bi ftehim ta' hire purchase.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut gie notifikat fil-21 ta' Dicembru, 2017 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2018.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Marzu, 2018, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandu tijtqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' ghaxart elef disa' mija u tnejn u sittin euro u disgha u disghin centezmu (€10,962.99) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-mandat ta' qbid fl-istess ismijiet.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**